MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Numru 1309/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**NAZZARENO BUHAGIAR ta' 38 sena, iben Joseph u Vincenza nee' Baldacchino, imwieled Tal-Pieta' nhar it-13 ta' Ottubru, 1970, residenti fl-indirizz Freddy Holly, Flat 2, Triq Notabile, Birkirkara, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 442470M;;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **NAZZARENO BUHAGIAR** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-3 ta' Dicembru, 2006 ghall-habta ta' 2.30pm, f'Ta' Qali, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew

zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija, u cioe' numru ta' DVDs b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq;

2. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa jw immanifattura, idduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, DVDs jew xi haga ohra bi ksur tal-jheddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha xi persuna ohra protetti bil-/jew taht il-Ligi ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess cirkostanzi ghamilha ta' bejjiegh f'suq fil-berah jew b'xi triq minghajr licenzja mill-awtorita' regolatorja;

4. U kif ukoll talli b'hekk sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie kkunannat b'sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati.

Rat li fl-interrogatorju l-akkuzat wiegeb li hu ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, u oltre hekk wiegeb li kien hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet debitament ikkonfermata moghti z-zmien;

Rat ukoll il-kwerela mibghuta minn Dr P J Galea ghan-nom ta' Forestals (Appliances Ltd);

Rat id-diversi sentenzi ezebiti in prova tar-recidiva.

Qieghda in vista' ta' l-ammissjoni tieghu, issib lil Nazzareno Buhagiar hati ta' l-akkuzi lilu addebitati, wara li rat l-Artikoli 298, 298B, 49, 50, 31, u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet it-trattazzjonijiet dwar il-piena fejn lill-Qorti giet issuggerita li tigi nflitta multa. Rat f'dan ir-rigward il-fedina penali kkulurita ta' l-imputat, sabet hawn li l-imputat inghata diversi opportunitajiet li jirriforma ruhu. Wahal izjed minn multa wahda, gie moghti l-beneficcju tal-

Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal darba tnejn, gie moghti l-fakulta’ ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446, gie anke moghti sentenza sospiza, darbtejn, ghar-reati simili hgal dawk lilu llum addebitati. Illi tenut kont ta’ dan kollu premess il-Qorti ma taqbilx li l-piena idonea ghandha tkun dik ta’ multa anke in vista’ ta’ l-istess recidiva – ghaldaqstant, konsiderando dak espost, qieghda tikkudanna lil Nazzareno Buhagiar ghal piena karcerarja ta’ sitt(6) xhur;
Qieghda wkoll tordna l-konfiska ta’ l-oggetti kollha ezebiti mertu ta’ din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------